MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 501/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Julie Ann Grainger (K.I. 37012A)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' hames mitt ewro, u sebgha u disghin ewro centezmi (€500.97) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq *Client Contract Number* 1024005 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut fil-21 ta’ Jannar, 2010 u l-fatt li l- konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------